



16.12.2014

B8-0277/2014 }
B8-0309/2014 }
B8-0310/2014 }
B8-0349/2014 }
B8-0357/2014 } RC1/rev.

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi:

PPE (B8-0277/2014)
Verts/ALE (B8-0309/2014)
GUE/NGL (B8-0310/2014)
ALDE (B8-0349/2014)
S&D (B8-0357/2014)

dwar ir-rikonoxximent ta' stat sovrani ta' Palestinjan
(2014/2964(RSP(RSP)))

**Elmar Brok, Cristian Dan Preda, Arnaud Danjean, Andrej Plenković,
David McAllister, Francesc Gambús, Michèle Alliot-Marie, Lorenzo Cesa,
Tokia Saïfi, Othmar Karas, Davor Ivo Stier, Claude Rolin, Gunnar
Hökmarm, Pascal Arimont, Ivo Belet**

f'isem il-Grupp PPE

**Gianni Pittella, Richard Howitt, Victor Boştinaru, Knut Fleckenstein,
Nikos Androulakis, Francisco Assis, Zigmantas Balčytis, Brando Benifei,
Goffredo Maria Bettini, Nicola Caputo, Tanja Fajon, Eugen Freund,
Neena Gill, Jude Kirton-Darling, Miapetra Kumpula-Natri,
Miltiadis Kyrkos, Mary Honeyball, Liisa Jaakonsaari, Afzal Khan,
Arne Lietz, Juan Fernando López Aguilar, Javi López, Andrejs Mamikins,**

RC\1044555MT.doc

PE539.000v01-00 }
PE539.032v01-00 }
PE539.033v01-00 }
PE545.597v01-00 }
PE545.606v01-00 } RC1/rev.

David Martin, Costas Mavrides, Sorin Moisă, Norbert Neuser, Pier Antonio Panzeri, Gilles Pargneaux, Ioan Mircea Paşcu, Tonino Picula, Kati Piri, Miroslav Poche, Soraya Post, Isabelle Thomas, Marita Ulvskog, Elena Valenciano, Josef Weidenholzer, Boris Zala, Janusz Zemke

fi sem il-Grupp S&D

Fernando Maura Barandiarán, Ivo Vajgl, Gérard Deprez, Izaskun Bilbao

Barandica, Javier Nart, Marietje Schaake

fi sem il-Grupp ALDE

Patrick Le Hyaric, Martina Anderson, Neoklis Sylikiotis, Pablo Iglesias,

Marisa Matias, Ángela Vallina, Younous Omarjee, Marie-Christine Vergiat,

Josu Juaristi Abaunz, Tania González Peñas, Lola Sánchez Caldentey,

Martina Michels, Fabio De Masi, Anne-Marie Mineur, Eleonora Forenza,

Gabriele Zimmer

fi sem il-Grupp GUE/NGL

Tamás Meszerics, Margrete Auken, Helga Trüpel, Philippe Lamberts,

Reinhard Bütikofer, Rebecca Harms, Karima Delli, Ernest Maragall

fi sem il-Grupp Verts/ALE

Fabio Massimo Castaldo, Laura Agea, Ignazio Corrao, Tiziana Beghin,

Marco Zullo, Piernicola Pedicini, Daniela Aiuto, Eleonora Evi

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-rikonoxximent ta' stat sovrani Palestinjan (2014/2964(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin dwar il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani tas-17 ta' Novembru 2014,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli/Viċi President dwar l-attakk fis-sinagoga ta' Har Nof fit-18 ta' Novembru 2014 u dwar l-attakk terroristiku f'Ġerusalem tal-5 ta' Novembru 2014, u d-dikjarazzjoni tal-Kelliem tar-Rappreżentant Għoli tal-UE dwar l-aħħar żviluppi fil-Lvant Nofsani tal-10 ta' Novembru 2014,
 - wara li kkunsidra t-tħabbira tal-Gvern Svediż li jirrikonoxxi l-Istat tal-Palestina tat-30 ta' Ottubru 2014, kif ukoll ir-rikonoxximent preċedenti min-naħa ta' Stati Membri oħra qabel l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-mozzjonijiet dwar ir-rikonoxximent tal-Istat tal-Palestina approvati mill-House of Commons tar-Renju Unit fit-13 ta' Ottubru 2014, mis-Senat Irlandiż fit-22 ta' Ottubru 2014, mill-Parlament Spanjol fit-18 ta' Novembru 2014, mill-Assemblea Nazzjonali Franċiża fit-2 ta' Diċembru 2014, u mill-Assemblea Portugiża fit-12 ta' Diċembru 2014,
 - wara li kkunsidra d-Dritt Internazzjonali,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-UE ripetutament ikkonfermat l-appoġġ tagħha għas-soluzzjoni ta' żewġ stati abbażi tal-fruntieri tal-1967, b'Ġerusalem bħala l-kapitali taż-żewġ stati bl-Istat ta' Iżrael sikur u Stat tal-Palestina indipendenti, demokratiku, kontigwu u vijabbli jgħixu maġenb xulxin fil-paċi u s-sigurtà u talbet li t-taħdidiet ta' paċi diretti bejn l-Iżrael u l-Awtorità Palestina jissuktaw;
- B. billi s-sejbien ta' paċi ġusta u deġġiema bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani ilha kwistjoni ta' interess ewlieni għall-kommunità internazzjonali, inkluża l-Unjoni Ewropea, għal aktar minn nofs seklju;
- C. billi t-taħditiet diretti dwar il-paċi bejn il-partijiet huma wieqfa; billi l-UE stiednet lill-partijiet ifittxu azzjonijiet li jwasslu għall-ambjent ta' fiduċja meħtieġ biex jiġu żgurati negozjati b'sinifikat, joqogħdu lura milli jieħdu azzjonijiet li jdgħajfu l-kredibilità tal-proċess u jipprevjenu t-tixwix;
- D. billi, fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Novembru 2012, il-Parlament Ewropew enfasizza li l-mezzi mhux vjolenti huma l-uniku mod ta' kif tista' tinkiseb paċi ġusta u deġġiema bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani, appella li jinħolqu l-kundizzjonijiet biex jissuktaw it-taħditiet

RC\1044555MT.doc

PE539.000v01-00 }
PE539.032v01-00 }
PE539.033v01-00 }
PE545.597v01-00 }
PE545.606v01-00 } RC1/rev.

MT

diretti ta' paċi bejn iż-żewġ partijiet, appoġġja, f'dan ir-rigward, it-talba tal-Palestina li ssir stat osservatur mhux membru fin-Nazzjonijiet Uniti, qies li dan kien pass importanti biex l-affermazzjonijiet Palestinjani jsiru aktar viżibbli, aktar b'saħħithom u aktar effikaċi, u stieden, f'dan ir-rigward, lill-Istati Membri tal-UE u lill-komunità internazzjonali jilhqqu ftehim f'din id-direzzjoni;

- E. billi l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċidiet fid-29 ta' Novembru 2012 li tagħti lill-Palestina l-istatus ta' stat osservatur mhux membru fin-NU;
 - F. billi r-rikonoxximent tal-Istat tal-Palestina jagħmel parti mill-kompetenza tal-Istati Membri;
 - G. filwaqt li jfakkar fl-impenn tal-PLO li tirrikonoxxi l-Istat ta' Iżrael sa mill-1993;
1. Jappoġġja fil-prinċipju r-rikonoxximent ta' stat sovrani Palestinjan u s-soluzzjoni ta' żewġ stati, u jemmen li dawn għandhom jimxu id f'id mal-iżvilupp tat-taħdidiet ta' paċi, li għandhom jitmexxew 'il quddiem;
 2. Jappoġġja l-isforzi tal-President Abbas u l-gvern Palestinjan ta' kunsens nazzjonali; jerġa' jisħaq fuq l-importanza li tiġi kkonsolidata l-awtorità tal-gvern Palestinjan ta' kunsens u l-amministrazzjoni tiegħu fl-Istrixxa ta' Gaża; ihegġegħ lill-fazzjonijiet Palestinjani kollha, inkluż il-Hamas, jaċċettaw l-impenji tal-PLO u jtemmu d-diviżjonijiet interni; jitlob li l-UE tkompli tagħti appoġġ u għajnuna għall-bini tal-kapaċitajiet istituzzjonali Palestinjani;
 3. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar il-fatt li f'dan ir-reġjun, it-tensjonijiet qed jikbru u l-vjolenza qed tiżdied; jikkundanna bil-qawwa kollha l-atti kollha ta' terroriżmu u vjolenza, u jesprimi l-kondoljanzi tiegħu lill-qraba tal-vittmi; iwissi dwar is-sogru ta' eskalazzjoni ulterjuri tal-vjolenza li tinvolvi siti mqaddsa, li jista' jitransforma l-kunflitt bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani f'kunflitt reliġjuż; jistieden lill-mexxejja politiċi min-naħat kollha biex jaħdmu flimkien permezz ta' azzjonijiet viżibbli ħalli jbaxxu t-tensjonijiet u jenfasizza li l-mezzi mhux vjolenti u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju huma l-uniku mod ta' kif tista' tinstab soluzzjoni sostenibbli u paċi ġusta u dejjiema bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani; jenfasizza li kwalunkwe azzjoni vjolenti tista' biss tkebbes l-estremiżmu fuq iż-żewġ naħat; ihegġegħ lill-partijiet kollha biex jibqgħu lura minn kwalunkwe azzjoni li tista' taggrava s-sitwazzjoni permezz ta' inċitament, provokazzjoni, użu eċċessiv ta' forza jew ritualjazzjoni;
 4. Jenfasizza wkoll li kwalunkwe azzjoni li tqajjem dubji dwar l-impenji ddikjarati għal soluzzjoni negozjata għandha tiġi evitata; jissottolinja li l-insedjamenti huma illegali skont id-dritt internazzjonali; jitlob liż-żewġ partijiet ma jeħdux azzjonijiet li jistgħu jdgħajfu l-vijabbiltà u l-prospetti tas-soluzzjoni ta' żewġ stati;
 5. Itenni s-sostenn qawwi tiegħu għas-soluzzjoni ta' żewġ stati abbażi tal-fruntieri tal-1967, b'Ġerusalemm bħala l-kapitali taż-żewġ stati, bl-Istat ta' Iżrael sikur u Stat tal-Palestina indipendenti, demokratiku, kontigwu u vijabbli jgħixu maġenb xulxin fil-paċi u s-sigurtà abbażi tad-dritt ta' awtodeterminazzjoni u r-rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali;
 6. Jilqa' ż-żjara riċenti tar-Rappreżentant Għoli/Viċi President fl-Iżrael u fil-Palestina u l-

RC\1044555MT.doc

PE539.000v01-00 }
PE539.032v01-00 }
PE539.033v01-00 }
PE545.597v01-00 }
PE545.606v01-00 } RC1/rev.

impenn tagħha li tinvolvi ruħha b'mod proattiv fi proċess pożittiv bl-għan li ċ-ċirku ta' kunflitt jitkisser u jinħolqu l-kundizzjonijiet politiċi għal progress ġenwin fil-proċess ta' paċi; jemmen li l-Unjoni Ewropea għandha ġġorr ir-responsabilità tagħha u ssir attur u faċilitatur ġenwin fil-proċess ta' paċi tal-Lvant Nofsani, anke fil-perspettiva tal-ħtieġa li t-taħdidiet ta' paċi jissuktaw, anke permezz ta' approċċ komuni u strateġija komprensiva biex tinstab soluzzjoni għall-kunflitt bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani; itenni li approċċ diplomatiku taħt l-awspiċi tal-Kwartett għal-Lvant Nofsani huwa meħtieġ, u jfakkar fl-importanza tal-Inizjattiva Għarbija għall-Paċi;

7. Jistieden lill-RGħ/VP tiffaċilita pożizzjoni komuni tal-UE f'dan ir-rigward;
8. Jenfasizza l-ħtieġa ta' paċi komprensiva, li ttejjem kwalunkwe pretiżza u twettaq l-aspirazzjonijiet leġittimi taż-żewġ partijiet, inklużi dawk tal-Iżraeljani għas-sigurtà u dawk tal-Palestinjani għal stat sovrani; jenfasizza li l-unika soluzzjoni possibbli għall-kunflitt hija l-koeżistenza ta' żewġ stati, l-Iżrael u l-Palestina;
9. Jiddeċiedi li jvara inizjattiva ta' "Membri Parlamentari għall-Paċi" intiża biex tiġbor flimkien Membri Parlamentari Ewropej, Iżraeljani u Palestinjani bil-għan li tgħin biex tmexxi 'l quddiem l-aġenda għall-paċi u tikkomplementa l-isforzi diplomatiċi tal-UE;
10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Mibgħut tal-Kwartett għal-Lvant Nofsani, lill-Knesset u l-Gvern ta' Iżrael, lill-President tal-Awtorità Palestinjana u lill-Kunsill Leġiżlattiv Palestinjan.